Storja

# Il-Banda Sant'Antnin

Il-Banda Sant'Antnin twaqqfet formalment fl-1983 iżda l-istorja tagħha tmur lura ħafna snin qabel. Kien fis-snin sittin li fost il-komunità tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali kien hemm Patri Dumink Bonello li kif kien jara ħafna tfal ħerqana għall-festa ta' Sant'Antnin, dan kien iħeġġiġhom iktar biex jieħdu sehem iżjed attiv fil-festa. Wara li spiċċa Patri Dumink minfloku ġie ieħor, Patri Alfred Calleja, mimli b'iktar ħeġġa u enerġija. Dan kompla ħeġġeġ lil dawk il-ġuvintur għall-festa ta' Sant'Antnin.

Fl-1973 twaqqaf l-ewwel kumitat informali tal-festa li kien jiltaqa' fis-sagristija tal-knisja. Għall-festa ta' l-1974 dan il-kumitat ħa ħsieb li l-festa tibda ssir nhar ta' Ħadd filwaqt li wkoll beda jġib il-baned tal-lokal idoqqu kif ukoll baned oħra. Fl-1975 il-festa ħadet xejra oħra. Inħasset il-ħtieġa li tinbidel l-istatwa minn waħda żgħira għal waħda ikbar. Fl-istess żmien, il-kumitat beda jixxennaq għall-post fejn jista' jiltaqa' u dan seħħ fis-sena 1978.

Il-festa għall-aħħar tas-snin sebgħin ħadet forma differenti fejn f'dawn is-snin ġieli ħadu sehem seba' baned biċ-ċelebrazzjonijiet jibdew il-Ħamis u jispiċċaw bil-marċ ta' l-aħħar, hekk imsejjaħ tan-nar. Iżda l-ħolma ta' ħafna dilettanti kienet wahda dik li titwaqqaf soċjetà mużikali. Din il-ħolma waslet snin wara t-twaqqif tal-kumitat Soċjali Sant'Antnin, ġie deċiż li titwaqqaf Banda. Il-kumitat beda jara u jfittex minn sejjer ikun l-ewwel surmast Direttur tal-banda u l-għażla kienet il-Maġġur Anthony Aquilina, surmast li l-marċi tiegħu kienu u għadhom popolari f'kull rokna ta' Malta u Għawdex, kif ukoll barra minn xtutna. Il-Maġġur ġie l-każin u wara laqgħa mal-kumitat ġie deċiż li hu jkun l-ewwel surmast. Fis-26 ta' Jannar, ta' l-1983 issejħet l-ewwel seduta ġenerali b'tema waħda fuq l-aġenda: it-twaqqif tal-banda.

Għal din is-seduta attendew b'entużjażmu kważi l-membri kollha li approvaw b'akklamazzjoni kbira l-ħatra tal-Maġġur Aquilina. F'Marzu ta' l-istess sena ħareġ il-permess biex minn każin soċjali jinbidel f'wieħed tal-banda. L-ewwel dehra ta' din il-Banda saret fil-festa ta' dik is-sena stess fejn attendew folol kbar ta' nies biex jaraw u jisimgħu din il-Banda ġdida.

Tliet snin wara t-twaqqif tal-Banda, is-Soċjetà messitha x-xorti ħażina meta fil-21 ta' Settembru ta' l-1985 miet il-Maġġur Anthony Aquilina. L-għada tal-mewt tiegħu saret laqgħa bejn rappreżentanti tal-baned, Sant'Antnin, King's Own, iben il-Maġġur, Jeffrey li ġie mill-Ingilterra u s-Sur Charlie Calleja, ħabib intimu tal-Maġġur. Din il-laqgħa saret biex ikun stabbilit fejn se ssir il-quddiesa funebri u liema banda kienet sejra takkumpanja l-korteo. Fil-fatt ġie deċiż li l-quddiesa







issir fil-knisja ta' San Franġisk, B'Kara u tieħu sehem il-Banda Sant'Antnin. Fuq xewqa tal-Maġġur stess indaqqu għall-ewwel darba f'funeral il-marċ brijużi, 'Balfrendozan' u l-Preghiera lil Sant'Antnin. Attendew għall-korteo u l-quddies l-ogħla personalitajiet tal-pajjiż kif ukoll numru kbir ta' baned bil-preżenza ta' 55 standard fosthom ukoll minn Għawdex.

Wara l-Maġġur, inħatar bħala surmast Emanuel Brincat u jassisti fil-kariga ta' assistant surmast inħatar is-Sur Mario Felice li ħa post il-mibki Surmast Francesco Zammit. Is-Sur Felice kollu jirreżenja minħabba raġunijiet personali u minfloku laħaq is-Surmast Raymond Zammit. Wara seba' snin bħala surmast, Mro Emanuel Brincat irreżenja f'Settembru ta' l-1992 u f'postu laħaq is-surmast Archibald Mizzi, nhar il-15 t'Ottubru ta' l-1992. Is-Surmast Mizzi għadu surmast tal-banda sal-preżent.

Il-Banda Sant'Antnin tul dawn is-snin ħadet sehem f'diversi akkademji mużikali u kunċerti. Hija banda stabbilita tant u hekk li tiġi mistiedna f'diversi lokalitajiet biex tipparteċipa bil-mużika tagħha.

Dawn kienu ftit mill-ġrajjiet ewlenin ta' din il-banda li għalkemm relattivament għadha żgħira fl-età żgur li hi banda fertili u li għad nisimgħu ħafna aktar dwarha.

Dimples

Bar & Restaurant

Tel: 2141 9972

Free appetizers served with drinks

Serving also meals on order

(Fejn jarma l-monti tal-Mosta)